MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 84/2003

**Salvu Attard**

**vs**

**Paul u Agostina konjugi Saliba**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuti xtraw vettura tal-marka Toyota Pick-up bin-numru ta’ registrazjoni EAQ-987 minghand l-attur.

Illi in segwitu ta’ dan il-bejgh ghadu dovut mill-konvenuti lill-attur bilanc fis-somma ta’ elf u erba’ mitt lira Maltija (Lm1400).

Illi ghalkemm gew interpellati diversi drabi l-konvenuti baqghu ma hallsux il-bilanc dovut.

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob il-hlas ta’ dan il-bilanc flimkien ma’ l-imghax dovut u l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u tal-ittra interpellatorja datata 26 ta’ Gunju 2003.”

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx risposta; ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici fis-seduta tal-15 t’Ottubru 2003 f’liema seduta l-kapitoli gewipprezentati mill-attur, approvati mit-Tribunal u ssigillati mid-Deputat Registratur;  u l-anqas deheru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni minghajr  ma giebu ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta’ LM1400 bilanc ta’ prezz ta’ vettura minnhom mixtrija minghand l-attur bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u  bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------